BIRGU
Citta' Vittoriosa

# Kunsill Lokali Birgu

**Head Office -** Couvre Porte - Birgu BRG 1810 Tel : 21662166 Fax : 21662266
**Front Office** – Auberge d'Angleterre, Triq il-Majjistral., Birgu BRG 1270 Tel/Fax: 21802707
e.mail : **birgu.lc@gov.mt** website : **www.birgu.gov.mt**

27 ta' Lulju, 2011

## Minuti tal-laqgha numru 57(05)

Il-Kunsill Lokali tal-Birgu ltaqa'ghal-laqgha numru 57(05) fil-Berga ta' Franza nhar il-Hamis 23 ta' Gunju, 2011 fil-hamsa u nofs ta' filghaxija.

## Prezenti

Is-Sur John Boxall - Sindku, s-Sinjura Miriam Grech – Kunsilliera, s-Sur Ivan Peresso – Kunsillier, s-Sinjura Judith Saliba - Kunsilliera.

Il-Vici Sindku, s-Sur Christopher Cassar kien assenti.

## Talba

Is-Sur John Boxall, Sinkdu, qal it-talba u ta' bidu ghal-laqgha.

## 1. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti

1.1 Item 1.3 (56/05) Approvazzjoni mit-traffic Management unit biex parti minn Triq il-Palazz l-Antik ta-Gvernatur issir pedonali.

Is-Sindku, qal li l-Perit tal-kunsill, il-Perit Mark John Scicluna, ser idahhal applikazzjoni l-Mepa sabiex jigi approvat dan il-progett biex parti minn Triq il-Palazz l-Antik tal-Gvernatur issir pedonali.



John Boxall - Sindku, Christopher Cassar - Vici Sindku,
Miriam Grech – Kunsilliera, Ivan Peresso – Kunsillier, Judith Saliba - Kunsilliera
Christine Bonello – Segretarja Ezekuttiva

1.2 Item 1.5 (56/050 Suq ta' haxix u frott fil-Birgu

Is-Sindku, s-Sur John Boxall, pprezenta korrispondenza mibghuta lis-Sur Joseph John Vella Agent Direttu fid-Direttorat tas-Swieq bl-Ingrossa u Facilitajiet tal-Flotta tas-Sajd, fejn il-Kunsill Lokali tal-Birgu wera l-interess tieghu sabiex fil-Belt tal-Birgu jibda jigi organizzat suq ta' haxix u frott fil-Birgu.

Hawnhekk, is-Sindku pprezenta korrispondenza minghand is-Sinjura Lisa Grech, organizzatrici tal-attivita "The Malta Artisan Market" fejn talbet lill-Kunsill Lokali tal-Birgu sabiex f'dati differenti bejn l-2011 u l-2012, darba fix-xahar jinghata permess biex jintuza Couvre Porte biex jittella' 'The Malta Artisan Market. Wara diskussjoni s-Sur John boxall, Sinkdu, qal li l-kunsill Lokali tal-Birgu mhux f'pozizzjoni li japprova l-attivitajiet f'couvrePorte ghas-sena 2012 meta wiehed jikkonsidra li f'Marzu 2012, fil-Birgu ser ikun hawn l-elezzjonijiet tal-kunsilli Lokali. Sindku qal li filwaqt li l-kunsill kien qieghed japprova dan il-progett ghax kien ser jibbenefika mill-Fondi tal-Unjoni Ewropea, liema fondi ma gewx approvati, il-Kunsill xorta baqa' jahdem mas-Sinjur Lisa Grech. Il-post originali fejn kien ser jittella' dan l-avveniment tbiddel u kien ser isir gewwa l-Vittoriosa Marina. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li hu personali kien organizza lill-organizzaturi ta' din l-attivita biex l-ewwel suq isir gewwa Couvre Porte, izda sadanittant isiru l-appplikazzjonijiet kollha mehtiega biex l-attivita tibda ssir fuq bazi regolari fil-Vittoriosa Marina.

Wara diskussjoni, il-Kunsilliera prezenti qablu unanimament li l-Kunsill ma jistax jikkommenti ruhu ghal dawn id-dati kollha u l-Kunsill iddecieda li d-decizjoni tittiehed data b'data izda jsir ftehim spjecjalment ghall-uzu tal-konsum ta' ilma u dawl, kif ukoll ghat-tindif ta' dan il-post. Barra minn hekk, l-entita li qed torganizza din l-attivita trid iggib il-permessi kollha mehtiega mill-Awtoritajiet koncernati fosthom mid-Dipartiment tal-Finanzi. Il-Kunsill Lokali tal-Birgu ma jixtieqx li jkollu problemi li din l-attivita tibda titqies bhala 'ongoing market'.

Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

1.3Item 2.9 (56/05) Ghjnuna mill-Cottonera Waterfront Group ghar-restawr ta' wahda mis-swali tal-Berga ta' Franza

Is-Sindku, s-Sur John Boxall, informal lill-Kunsilliera prezenti li sfortunatament l-Cottonera Waterfront Group infurmart lill-Kunsill Lokali tal-Birgu li mhux ser tkun f'pozizzjoni li tghin lill-Kunsill finzjarjament ghall-progett tar-restawr ta' wahda mis-swali fil-Berga ta' Franza.

1.4Item 2.12 (56/05) Arblu fuq il-mina l-gdida fi Triq Pawlu Boffa

Is-Sindku, nforma lill-Kunsilliera prezenti li l-kunsill ircieva l-approvazzjoni biex fuq il-mina li qed tinbena fi Triq Pawlu Boffa jitwahhal arblu tal-injam ta erbghin(40) pied biex fuqu tittella' bandiera tal-qies tnax-il pied bi tmintax-il pied.

1.5 Item 2.14(56/05) Il-progett ta' MED Cities, Cities for the Sences

Is-Sur JOHN Boxall, Sindku nforma lill-Kunsilliera li l-prgett "MED Cities, Cities for the Sences" gie sottomess that il-programm MED.

## 2. Korrispondenza

2.1 Korrispondenza mill-Assocjazzjoni tal-Kunsilli Lokali fejn infurmat lill-Kunsill Lokali li qed tigi offruta opportunita illi jsir tahrig lic-cittadini f'kull lokalita ta' Malta u Ghawdex dwar l-uzu tas-servizzi tal-egov. Is-Sindku suggerixxa sabiexil-kunsill jipprtecipa. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

2.2 Is-Sindku pprezenta stima mibghuta mill-Perit Mark John Scicluna sabiex Triq San Lawrenz, min-nicca tal-Madonna tal-Karmnu 'il gewwa biex issir bil-hot asphalt jew bil-cold asphalt. Is-Sindku qal li sabiex din it-triq issir bil-cold asphalt, l-istima ta' xoghol hija ta'€27,728.52, filwaqt li biex isir bil-hot asphalt, l-istima tax-xoghol hja ta' €39,188.47. Ghalkemm is-Segretarja Ezekuttiva stqarret li l-Kunsill mhux f'pozizzjoni finanzjarja sabiex dan ix-xoghol isir, il-Kunsill unanimament qabel li dan ix-xogholhemm bzonn li jsir.

2.3 Ittra minghand is-Sur Noel Castillo, President Ghaqda Piroteknika 10 t'Awwissu, fejn ghan-nom tal-ghaqda talab il-permess tal-Kunsill Lokali tal-Birgu biex fi Triq San Lawrenz, ezattament minn hdejn il-knisja sa hdejn Olde City Pub, isir il-loghob tan-nar tal-art nhar it-Tlieta 9 t'Awwissu. Is-Sindku zied jghid li l-Kunsill informa lil din l-ghaqda li jekk il-progett ta' Xatt ir-Rizq ma jkunx lest, il-Kunsill mhux ser ikun f'pozizzjoni li jaghti dan il-permess, ghax ma jistax ikun li l-belt tal-Birgu tkun maghluqa fit-totalita taghha. Is-Sindku zied jghid li s-Sur Castillo minflok ikkopera mal-Kunsill u hadem biex isib soluzzjoni ohra, nforma lill-Kunsill li l-ghaqda ser tinforma lill-Awtoritajiet koncernati, kif ukoll ser japplikaw xorta.

Is-Sur John Boxall, Sindku, qal li l-Kunsill ghandu jitlob laqgha mas-Supretendent, s-Sur Carmel Bartolo.

2.4 Is-Sur John Boxall Sindku pprezenta l-ittra tar-rizenja tas-Sinjorina Anthea Vella, skrivana tal-Kunsill Lokali tal-Birgu u nforma lill-Kunsill li l-ahhar gurnata tal-impjieg taghha huwa nhar it-Tnejn 25 ta' Lulju, 2011. Is-Sindku zied jghid li l-Kunsill beda l-process biex jimpjega persuna ohra.

2.5 Is-Sindku pprezenta ittra mibghuta mill-avukat tal-Kunsill, Dr Alexandra Mizzi, lis-Sur Renald Cassar, wara ittra li ntbaghtet lill-istess Kunsill biex tinghata s-somma dovuta, skind is-Sur Cassar ghall-attivita li ttellghet fl-istabbiliment tieghu, fejn bi ftehim bejn is-Sur Cassar u l-Kunsill kienet giet offruta bhala donazzjoni.

2.6 Is-Sindku pprezenta kwotazzjoni sabix fl-entratura tal-Berga ta' Franza ssir hgiega sabiex turi l-kantina, minghand il-kumpanija Mirya Ltd ghall-prezz ta' €1050 minghajr VAT. Wara diskussjoni, il-Kunsilliera prezenti unanimament qablu sabiex din il-kwotazzjoni tigi approvata.

2.7 Is-Sindku nforma lill-Kunsilliera prezenti, li prezentement hemm is-sejha ghall-progetti taht l-ENPI CBC MED, iffinanzjati mill-Unjoni Ewropea u qed jahdem flimkien mal-MEUSAC biex japplika ghal zewg progetti taht din l-iskema , dak ta' "MEDAdventure", kif ukoll il-progett "Sea Clean and Safe".

2.8 Is-Sur John Boxall, Sindku, pprezenta artiklu li deher fuq timesofmalta.com "No freedom from bills – water supply to freedom monument cut off", fejn ha parir biex jinfetah kaz ta' libel biss, l-avukata tal-Kunsill, Dr Alexandra Mizzi nfurmat lill-Kunsill li m'hemmx lok ta' libel.

2.9 Is-Sindku ssuggerixxa sabiex fl-okkazjoni ta' Jum il-Birgu, l-Kunsill ghandu jorganizza gita fi Sqallija nhar is-Sibt 3 ta' Settembru, 2011 ghal prezz ta' Eur122. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

2.10 Is-Sur John Boxall, Sindku, ssuggerixxa sabiex il-Kunsill jaghmel podium tal-perspex bil-logo tal-Kunsill. Is-Sindku pprezenta tliet kwotazzjonijiet, dik minghand il-kumpanija Skyline Plastic Work ghal prezz ta' Eur859.04, minghand il-kumpanija AS Supplies Ltd ghal prezz ta' Eur963.27, kif ukoll minghand il-kumpanija Sign Services ghal prezz ta' Eur1043. Wara diskussjoni, s-Sindku ssuggerixxa sabiex il-Kunsill japprova l-kwotazzjoni tal-kumpanija Skyline Plastic Work ghal prezz ta' Eur963.27. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

2.11 Kwotazzjoni ghall-bieb tal-injam ghal-librerija fil-Berga tal-Ingilterra ghal prezz ta' Eur950. Wara diskussjoni s-Sindku ssuggerrixa sabiex il-Kunsill japprova din il-kwotazzjoni. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

2.12 Is-Sur John Boxall, Sindku pprezenta progett li ser jigi ffinanzjat mill-Housing Authority flimkien mat-TCTC ghal prezz ta' Eur3,000 fejn ghal 28 gimgha jinghata sapport lil 15-il student wara l-hin tal-iskola. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

2.13 Email mill-President tal-Assoccjazzjoni AVEC, fejn infurmaw lill-Kunsill li l-konferenza generali li jmiss ser isir bejn l-14 u l-15 t'Ottubru gewwa Arles fi Franza.

2.14 Talba mill-Kunsill Pastorali Parrokkjali Parrocca Senglea, Kummissjoni Festi Esterni sabiex fl-okkazjoni tal-festa ta' Marija Bambina fl-Isla nhar it-8 ta' Settembru, jinghata permess biex isir hruq tan-nar miz-zona maghrufa bhala tal-Glaziz. Is-Sindku stqarr li l-Kunsill ghandu ordni mill-qorti li dan il-permess ma jistax jinghata u talab lis-Segretarja Ezekuttiva sabiex tinforma lil din l-ghaqda minnufih. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.



John Boxall - Sindku, Christopher Cassar - Vici Sindku,

Miriam Grech – Kunsilliera, Ivan Peresso – Kunsillier, Judith Saliba - Kunsilliera

Christine Bonello – Segretarja Ezekuttiva

2.15 Ittra minghand is-Sur Kenneth Cremona Caruana, Kap tas-sezzjoni ta' attivitajiet fi hdan St Vincent De Paule, fejn talbu lill-Kunsill Lokali tal-Birgu biex fl-okkazjoni tal-festa tal-Qalb ta' Gesu, l-Kunsill jerga' jorganizza attivita ghall-anzjani li jghixu f'din ir-residenza. Wara diskussjoni s-Sindku ssuggerrixa li din l-attivita ghandha tigi organizzata ghal zmien il-Milied. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

2.16 Proposta minghand l-Historical & Cultural Society sabiex jinghata l-isem ta' "Il-Mina tal-Assedju l-Kbir 1565" ghal mina l-gdida fi Triq Pawlu Boffa. Wara diskussjoni l-Kunsilliera prezenti ma qablux ma' din il-proposta.

2.17 Ittra minghand is-Sur Manuel Magro Conti, Kuratur tal-Muzew Marittimu fejn talab lill-Kunsill Lokali tal-Birgu biex il-kanuni li jinsabu jzejnu quddiem Couvre Porte jingabru u jitpoggew fil-Muzew Marittimu. Wara diskussjoni, s-Sindku ssuggerixxa sabiex il-Kunsill japprova din it-talba u dwar dan kien hemm qbil unanimu.

2.18 Is-Sindku nforma lill-Kunsilliera prezenti li l-Kunsill ircieva talba sabiex il-Berga ta' Franza tintuza ghal gbid tal-film 'Sinbad' fejn il-kumpanija responsabbli lesta li taghti donazzjoni ta' Eur2,500 lill-Kunsill Lokali tal-Birgu. Is-Sindku qal li l-gbid tal-film sar fid-29 u t-30 ta' Mejju, 2011. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

2.19 Is-Sur John Boxall, Sindku, pprezenta ittra mibghuta lill-Arcipriet Fr Joe Cilia dwar artiklu 'Bicciet' miktub minn Fr John Avellino li deher fil-fuljett Flimkien ta' Mejju 2011, fejn wera d-dispjacir ghal dak li kien hemm miktub f'dan l-artiklu.

2.20 Is-Sindku pprezenta kopji tal-pjanti tal-progett tar-restawr ta' Couvre Porte mibghuta mill-Perit responsabbli minn din il-parti tal-progett ta' restawr iffinanjzjat mill-Unjoni Ewropea taht is-sejha ERDF.

2.21 Ittra mill-Fondazzjoni OASI fejn ghal darb'ohra talbet lill-Kunsill lokali tal-Birgu jinnomina zghazugh/a ghal Premju Zghazugh/a tas-Sena. Wara diskussjoni, s-Sindku ssuggerixxa li l-Kunsill Lokali tal-Birgu ghandu jinnomina lis-Sur Christian Raggio. Il-Kunsillier Ivan Peresso issekonda u dwar dan kien hemm qbil unanimu.

2.22 Talba mill-kumpanija Mifsud Garage sabiex fl-okkazjoni tas-sittin sena anniversarju ta' din il-kumpanija, nhar il-21 ta' Gunju, 2011 tittella' attivita fil-Post Sagra Infermerija, kif ukoll sabiex waqt din l-attivita tinghalaq parti minn Triq Santa Skolastiks, parti minn Triq La Vallette u Post Sagra Infermerija. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

2.23 Is-Sindku nforma lill-Kunsilliera prezenti li s-Segretarja Ezekuttiva, permezz tal-ligi hija ntitolata ghal *qualification allowance* ta' Eur466 fis-sena. Ghaldaqstant is-Sindku ssuggerixxa sabiex il-Kunsill japprova din l-*allowance*. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

2.24 Talba minghand l-President tar-Rotary Club Malta, s-Sur Ian Decesare, sabiex nhar il-Hadd 25 ta' gunju, 2011 tittella' attivita tal-'President's Hand Over Dinner' ta' din il-ghaqda. Wara diskussjoni, s-Sindku ssuggerixxa sabiex il-Kunsill japprova din it-talba. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

2.25 Is-Sindku nforma lill-Kunsilliera prezenti li l-Kunsill Lokali tal-Birgu wera l-interess li jippartecipa fil-progett 'No MAD Culture' li gie pprezentat fil-laqgha generali tal-AVEC. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

2.26 Ittra ta' ringrazzjament mis-Sezzjoni Zghazagh Palmizi ghall-koperazzjoni li l-Kunsill wera ghall-attivita ta' *carwash* li din l-ghaqda tellghet quddiem Couvre Porte.

2.27 Is-Sindku, s-Sur John Boxall, ipprezenta ittra mibghuta lid-Direttur tad-Dipartiment tal-Gvern Lokali, s-Sur Carmel Abela, dwar is-sitwazzjoni finanzjarja tal-Kunsill u l-preokuppazzjoni tal-istess Kunsill.

2.28 Talba mill-ghaqda Regatta Nazzjonali sabiex fl-okkazjoni tar-Regatta tal-Under 18 tinghata donazzjoni ta' Eur118 bhala ghajnuna ghaz-zghazagh. Wara diskussjoni s-Sindku qal li wara r-riforma tal-ligi tal-Kunsilli Lokali, l-Kunsill mhux f'pozizzjoni li jaghti donazzjoni. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

2.29 Talba mill-Casino di Venezia sabiex jinghata permess biex jitwahhlu zewq reklami ta' dan l-istabbiliment. Wara diskussjoni, s-Sindku ssuggerixxa sabiex din it-talba terga' tigi diskussa mad-Direttur ta' din il-kumpanija.

2.30 Is-Sindku, s-Sur John Boxall, pprezenta kwotazzjoni ghal zewg bibien biex isiru fil-Berga ta' Franza. Is-Sindku pprezenta kwotazzjoni minghand Fava Woodworks ghal prezz ta' Eur1,484.44, kwotazzjoni minghand il-kumpanija Sandro Fava ghal prezz ta' Eur1,620 u kwotazzjoni minghand l-kumpanija Woodline ghal prezz ta' Eur2,017.80. Wara diskussjoni, s-Sindku ssuggerixxa sabiex il-Kunsill japprova l-kwotazzjoni tal-Kumpanija Fava Woodworks. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

## 3 Restawr tan-nicca tal-Madonna tal-Karmnu fi Triq San Lawrenz

Is-Sur John Boxall, Sindku, nforma lill-Kunsilliera prezenti li l-Mepa approvat ix-xoghlijiet ta' restawr tan-nicca tal-Madonna tal-Karmnu fi Triq San Lawrenz. Is-Sindku qal li x-xoghlijiet diga nbdew.

## 4 Il-progett tal-Gnien Fuq tal-Hawli

Is-Sur John Boxall, Sindku, informa lill-Kunsilliera prezenti li l-permess tal-Gnien Fuq tal-Hawli gie approvat u ser jinbeda x-xoghol hekk kif il-Kunsill jircievi l-permess mill-Mepa.

## 5 Ix-xoghlijiet fil-Berga ta' Franza

Is-Sindku nforma lill-Kunsilliera li wara rapport li sar il-Mepa, -xoghlijiet ta' restawr fil-Berga ta' franza kellhom jieqfu immedjatament. Is-Sindku stqarr li anke x-xoghol li kien qieghed isir fuq il-bejt kellu jieqaf allavolja l-bini huwa perikoluz. Is-Sindku zied jghid li jrid isir minor amendment flimkien ma' restoration method statement u jrid jidhol il-Mepa fl-immedjat. Is-Sindku zied jghid li l-Perit Mark John Scicluna u l-Perit Claude Busuttil qed jahdmu biex dak mitlub mill-Mepa jigi sottomess mill-aktar fis possibbli.

**Dwar item 5 (56/05) Decizjoni dwar it-tender ta' provediment ta' servizz ta' Perit u Interior Designer ghal xoghlijiet fuq is-sit storiku tal-Berga ta' Franza.**

Wara diskussjoni, s-Sindku ssuggerixxa sabiex il-Kunsill jinforma lill-applikanti li dan it-tender mhux ser jinghata peress li l-Kunsill ma setax japplika ghal dan il-progett u ghaldaqstant dan il-progett m'hemmx finanzjament ghalih u ma jistax isir.

## 6 Korsijiet tal-kompjuter ghat-tfal u ghall-adulti

Is-Sindku nforma lill-Kunsill li bl-ghajnuna tal-Awtorita tad-Djar, il-Kunsill Lokali tal-Birgu ser jorganizza l-kors tal-etfal ghat-tfal bejn is-6 u t-12-il sena, l-kors tal-*family hort*, kif ukoll il-kors tal-ECDL matul is-sena 2011.

## 7 Jum il-Birgu, 2011

Is-Sindku pprezenta lill-Kunsilliera prezenti kopja ta' *play* miktuba mis-Sur Gorg Peresso dwar il-belt tal-Birgu waqt l-Assedju l-Kbir. Wara diskussjoni, s-Sindku ssuggerixxa sabiex din il-*play* tittella' fl-okkazjoni ta' Jum il-Birgu 2011. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

Is-Sindku ssuggerixxa biex tintbaghat *mailshot* lir-residenti biex naraw min hu nteressat li jippartecipa f'dan id-dramm. Il-Kunsillier Ivan Peresso ssekonda u dwar dan kien hemm qbil unanimu.

## 8 L-area ta' hdejn St Angelo Mansions

Il-Kunsilliera Miriam Grech gibdet l-attenzjoni li l-area ta' hdejn St Angelo Mansions maghrufa bhala l-Menqa tinstab fi stat ta' abbandun, qed tkun mahmuga u anke minghajr dawl. Is-Sindku stqarr li din iz-zona taqa' that ir-responsabilita tal-Grand Harbour Marina u l-Cottonera Waterfront Group.

## 9 Affarijiet ohra

9.1 Is-Sindku pprezenta ghall-approvazzjoni tal-Kunsill il-lista ta' pagamenti dovuti mill-Kunsill. Is-Sindku ssuggerixxa sabiex din il-lista tigi approvata. Is-Sinjura Miriam Grech, Kunsilliera, issekondat u dwar dan kien hemm qbil unanimu.

Il-laqgha ntemmet fil-8:30 ta' filghaxija.

| | |
|---|---|
| Christine Bonello | ikkonfermati John Boxall |
| Segretarja Ezekuttiva | Sindku |



John Boxall - Sindku, Christopher Cassar - Vici Sindku,
Miriam Grech – Kunsilliera, Ivan Peresso – Kunsillier, Judith Saliba - Kunsilliera
Christine Bonello – Segretarja Ezekuttiva